# IS-SAĦĦA FIS-SEKLU 2000

Għaxar snin oħra naqilbu seklu ieħor u nidħlu fis-seklu għoxrin u nħaddnu s-seklu wieħed u għoxrin. Ħafna kienu l-ġrajjiet u l-iżviluppi xjentifiċi li seħħew matul dan is-seklu imma mhux dubbju li l-akbar sejbiet kienu fil-qasam tal-mediċina u dan għall-ġid ta' l-umanità kollha.

Kif se tkun il-mediċina fis-sena 2000? Din mhix mistoqsija faċli li tirrispondi għax għalkemm tista' tbassar fuq ir-riċerka li qed issir din tista' tieħu ħafna snin qabel tħalli l-frott. Li hu żgur hija li l-WHO (organizzazzjon mondjali tas-saħħa) qed tagħmel kampanja fuq Primary Health Care. Din x'inhi?

Sa ftit snin ilu kull min kellu x'jaqsam mal-qasam tas-saħħa dejjem kien jenfasizza kif se jinġabru fondi biex jibnu l-akbar sptarijiet b'apparat l-aktar sofistikat. Biex inżommu dawn l-isptarijiet trid ħafna u ħafna flus u mhux dejjem dawn il-fondi jinstabu. Għalhekk saqsejna lilna nfusna mhux aħjar nevitaw ċertu mard minflok bit-tip ta' ħajja li ngħixu? U għalhekk l-enfasi fuq il-prevenzjoni u mhux biss fuq il-kura.

Il-mard li se jkollna fis-seklu 2000 mhux il-mard tas-seklu 1800 u bidu tas-seklu 1900 – inqerdu is-*smallpox, diphteria,* ġew ikkontrollati mard bħat-T.B. u mard ieħor li jittieħed. Il-mard li ħafna minnha qed isofru u li se nsofru 'l quddiem huma *non communicable diseases* jew mard li ma jittieħidx bħal mard taċ-cirkolazzjoni, pressjoni, cholesterol għoli fid-demm, diabete, mard tal-kanċer. U llum nafu li ħafna minn dan il-mard jista' jiġi evitat permezz ta' edukazzjoni mill-bidu nett dwar l-ikel li nieklu, il-ħarsien tat-tipjip u ħsara ta' użu kontinwu ta' ċerti kimiċi, t-tniġġiż ta' l-ambjent u nuqqas ta' eżerċizzju u ħwejjeġ oħra. Il-*Primary Health Care* tibda u tkompli fit-triq, fuq it-TV u l-mezzi tax-xandir, it-tobba tal-familja, l-iskejjel, u l-postijiet tax-xogħol biex b'hekk nevitaw l-użu tal-isptar.

Din se tkun is-saħħa fis-seklu 2000 fejn il-bniedem wara li ġab ħafna mard b'idejh – naraw ftit kemm imutu nies kull sena b'mard mħabba t-tipjip – issa ried jerġa' jiskopri kif se jerġa jirrispetta n-natura (nuqqas ta' tniġġiż, dieta ta' ikel tajjeb) biex b'hekk jassigura ħajja b'saħħitha kemm għalih u kemm għall-uliedu.

Saħħa

Dr George Grech


**JAMES CAMILLERI & SON LTD**

110, Cross Road, Marsa, Malta

Tel: 223253 - 222326

Importers & Stockholders of:

Timber, Plywoods, Chipboard, & General Building Materials